*Messaġġ mill-Kumitat Nisa*



Is-Sinjura Carmen Cini - Chairperson

# L-Impenn tan-Nisa fl-Għaqda tagħna



Nistenna dan iż-żmien biex nerġa' nitkellem ftit magħkom u hekk niftakru x'sar min-naħa tal-Kumitat Nisa f'din is-sena li għadha kif għaddiet.

Għalkemm ix-xogħol li qed isir minna jidher f'kull ħin, nieħu pjaċir ukoll nagħti l-mertu għalih lilkom li qegħdin taqraw dan il-messaġġ, li tattendu bi ħġarkom għall-avvenimenti li aħna norganizzaw. Jekk ma narawx il-parteċipazzjoni tagħkom, nitilfu l-kuraġġ kollu u nispiċċaw ma nagħmlu xejn.

Kif jaf kulħadd, il-"Coffee Morning" li jsir kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar, sar wieħed popolari ħafna għax kull darba naraw attendenza ġdida tiżdied. Dan għalina huwa t'unur kbir. Minn qalbi nirringrazzjaw lil kulħadd.

L-impenn tagħna tal-Kumitat Nisa ma jieqafx hawn għax għandna f'idejna wkoll id-dehra tal-każin speċjalment fuq ġewwa. Inżejnu l-każin mill-aħjar li nistgħu anke grazzi għal ċerti benefatturi li dejjem jistaqsuna x'hemm bżonn isir fil-każin, li bħal dar dejjem ikun hemm il-bżonn li jsir xi ħaġa ġdida.

Dan ix-xogħol ma jistax isir mingħajr l-għajnuna ta' shabi fil-Kumitat Nisa li b'qalb waħda lkoll naħdmu bħal familja waħda. Naħdmu flimkien ukoll mal-Kumitat Amministrattiv li min-naħa tagħhom dejjem juru fiduċja u apprezzament tax-xogħol li qegħdin inwettqu.

Ma nistax nagħlaq dan il-messaġġ mingħajr ma nsellem lil shabna Mellieħin morda u anzjani li forsi ma jistgħux igawdu l-festa kif jixtieq−u huma. Insellem ukoll lil dawk li b'paċenzja u mħabba kbira jieħdu ħsiebhom.

Tislija oħra mill-qalb tmur għall-emigranti kollha sew li qegħdin magħna u wkoll dawk 'il bogħod minna jaqraw dan il-messaġġ. Il-festa t-tajba lil kulħadd.


CARMELO

*Drainage Technican, new installations & repairs of drainage pipes, 24 hrs service (ftuħ ta' Dranaġġ), Internal Pipe clean & Wash, twaħħil ta' grease trap & Earth Electrodes Installation*



Large Hole Drilling into concrete metal marbles and granite
tħaffir ta' Kanali bil-mini escavator from 45deg to 90deg



13, Pjazza San Ġwann Siġġiewi, SĠW 1492 • Mob. 7945 6753
email: carmelo.schembri@yahoo.co.uk





*Paradise Bay Lido*

**Paradise Bay Lido, P.O. Box 18, Ċirkewwa (LImits of Mellieħa)**
**Tel: 2157 5491 / 2152 2900 • Fax: 2152 2895**
**E-mail: pbl@global.net.mt**